MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 563/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**EMANUEL SIVE NOEL ABELA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel sive Noel Abela, ta' 35 sena, iben Lawrence u Liliana nee' Demarco, imwieled Tarxien fit-12 ta' Jannar 1969 u li joqghod 11, Cherish House, Triq il-Hawh, Hal-Kirkop, u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 84769(M) gie akkuzat:

Talli nhar is-6 ta' Lulju 2004, f'Hal Kirkop, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' tlett *washing machines,* ikkwalifikat bil-

mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, li sar ghad-detriment tar-dirigenti tal-kumpanija Mizzi Ltd. u/jew persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanza f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta u cioe', jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema hwejjeg misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija;

U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok BCP1 u nnutat li l-imputat Emanuel sive Noel Abela m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda recidiva.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda recidiva.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li

tirrigwarda serq aggravat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr Jose' Herrera ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li l-imputat ghandu problema ta' abbuz mid-droga u konsegwentement ikun opportun li l-Qorti jekk jidrilha xieraq tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation sabiex ikun assistit biex jeghleb il-problema ta' abbuz mid-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 334, 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel sive Noel Abela, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda recidiva, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u minn Dr Jose' Herrera ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, u nkwantu ghat-tieni akkuza u ghat-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Emanuel sive Noel Abela tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Emanuel sive Noel Abela taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit jgheleb il-problema ta' abbuz mid-droga.

Nkwantu ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma’ din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma’ din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Emanuel sive Noel Abela.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Emanuel sive Noel Abela kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Emanuel sive Noel Abela l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------